



22.1.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 0884/2009, imressqa minn D.D., ta' nazzjonalità Brittanika, f'isem ir-Residenti ta' St Kingsmark Chepstow, dwar allegazzjoni ta' negliġenza mill-Welsh Water plc rigward problemi ta' drenaġġ f'St Kingsmark u l-irwejjaħ li ħarġu minnhom**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jesprimi tħassib dwar problemi serji ta' drenaġġ li ilhom jaffettwaw żewġ żoni residenzjali sa mill-2001, li jirriżultaw f'intiena intollerabbli, partikolarment fis-sajf, u wkoll f'ċerti każi fejn id-drenaġġ reġa' daħal lura fid-djar. Il-petizzjonant iqis dan bħala fastidju inammissibbli għal dawk li qed ifittxu kwalità ta' ħajja aċċettabbli apparti li huwa periklu għas-saħħa pubblika. Welsh Water plc, li għandha monopolju fuq il-provvista tal-ilma u s-servizzi ta' drenaġġ fl-erja kkonċernata, qiegħda, skont il-petizzjonant, tirrifjuta li tieħu azzjoni biex tirranġa s-sitwazzjoni. Il-petizzjonant, membru tal-kunsill reġjonali, għamel kull sforz possibbli biex iġiegħel lill-Welsh Water biex tieħu miżuri, iżda mingħajr suċċess, u issa, bħala tentattiv aħħari, qed ifittex l-għajjuna tal-Parlament Ewropew.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-20 ta' Novembru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-22 ta' Jannar 2010.

Il-petizzjoni:-

- tiddekrivi fastidju kkawżat mis-sistema tad-drenaġġ f'Chepstow (Kontea ta' Monmouthshire, Wales, ir-Renju Unit), jiġifieri intiena kbira regolari, u f'ċerti każijiet drenaġġ li saħansitra jerġa' jidħol lura fid-djar tar-residenti;

- titlob li tittieħed azzjoni biex jiġi żgurat li l-kumpanija tas-servizzi tal-ilma mormi (Welsh Water) tiegħu azzjoni biex tindirizza l-problema deskritta.

### *Kummenti mill-Kummissjoni dwar il-Petizzjoni*

L-elementi applikabbli tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-ambjent huma d-Direttiva dwar l-Ilma Urban Mormi<sup>1</sup> u d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart<sup>2</sup>.

Id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi:

- tistabbilixxi obbligu ta' ġbir ta' skart u trattament tal-ilma mormi għal żoni residenzjali ('agglomerazzjonijiet') li bħala regola jkollhom iktar minn 2 000 abitant jew l-ekwivalenti fi tniġġis mill-ilma mormi ('ekwivalenti ta' popolazzjoni', p.e.);
- tistipula, inter alia, kriterji għall-ġbir tal-ilma mormi: Id-disinn, il-kostruzzjoni u ż-żamma tas-sistemi ta' ġbir għandhom isiru f'konformità mal-aħjar għarfien tekniku u ma jinvolvux spejjeż eċċessivi, partikolarment fir-rigward
  - tal-volum u l-karatteristiċi tal-ilma urban mormi,
  - tal-prevenzjoni ta' nixxijiet,
  - tat-tnaqqis fit-tniġġis tal-ilmijiet riċeventi minħabba tifwir tal-ilma tax-xita.

F'din id-direttiva, madankollu, m'hemmx dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-irwejjaħ jew l-intejjen.

Madankollu, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart japplikaw għall-ilma mormi fejn dan ma jkunx kopert minn leġislazzjoni oħra Komunitarja jew nazzjonali. Id-direttiva titlob li jiġi evitat fastidju minn irwejjaħ waqt it-trattament tal-iskart inkluż l-ilma mormi.

Jidher li fil-perjodu bejn meta tressqet il-petizzjoni (19 ta' Ġunju 2009) u meta waslet għand il-Kummissjoni (26 ta' Ottubru 2009), l-awtoritajiet responsabbli bdew azzjoni biex jindirizzaw il-problemi, kif dokumentati mill-Kunsill tal-Kontea ta' Monmouthshire fil-minuti tiegħu tal-laqgħa tal-21 ta' Ottubru 2009.

### *Konklużjonijiet*

Qabel intbagħtet din il-petizzjoni, il-Kummissjoni ma kinitx konxja mill-problemi relatati mas-sistema tad-drenaġġ f'Chepstow (Kontea ta' Monmouthshire, Wales, ir-Renju Unit) li ġew deskritti fil-petizzjoni.

---

<sup>1</sup> Direttiva 91/271/KEE, ĠU L 73, 30.5.1976, p. 1991

<sup>2</sup> L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/12/KE, ĠU L 114 tas-27.4.2006, "L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-iskart jiġi rkuprat jew mormi mingħajr ma jinholq periklu għas-saħħa umana u mingħajr ma jintużaw proċessi jew metodi li jistgħu jikkawżaw ħsara lill-ambjent, u b'mod partikolari: . . (b) mingħajr ma joħolqu fastidju minħabba storbu jew irwejjaħ; ."

<sup>3</sup> It-test sħiħ tal-minuti jista' jinqara fuq:

[http://www.monmouthshire.gov.uk/downloads/6\\_Mor\\_Hafren\\_Various\\_Updates\\_21stOctober\\_2009.pdf](http://www.monmouthshire.gov.uk/downloads/6_Mor_Hafren_Various_Updates_21stOctober_2009.pdf)